



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12111/23
ADD 4

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0233(NLE)

COEST 465
POLCOM 171

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 396 final - ANNEX 4
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 396 final - ANNEX 4.

Mehmuż: COM(2023) 396 final - ANNEX 4



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2023
COM(2023) 396 final

ANNEX 4

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu

ANNESS [...]

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI Nru .../2023

TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-UKRAJNA

ta' xx.xx.2023

dwar il-għoti ta' aċċess reċiproku għas-suq għal provvisti għal awtoritajiet u korpi statali, reġjonali u lokali rregolati mil-liġi pubblika f'konformità mal-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikoli 153, 463 u 475(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-Preambolu għall-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Ukrajna li gradwalment tapprossima l-leġislazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni, skont il-linji stabbiliti fil-Ftehim, u timplimentaha b'mod effettiv, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika gradwali u l-approfondiment tal-assoċjazzjoni politika tal-Ukrajna mal-Unjoni.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 154 tal-Ftehim, il-Partijiet għall-Ftehim jaqblu li l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq rispettivi tagħhom fil-qasam tal-akkwist pubbliku għandu jintlaħaq gradwalment u simultanjament.
- (4) Skont l-Artikolu 153(1) u (2) tal-Ftehim, l-Ukrajna għandha tiżgura li l-leġislazzjoni eżistenti u futura tagħha dwar l-akkwist pubbliku gradwalment issir kompatibbli mal-*acquis* tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Tali approssimazzjoni leġislattiva għandha titwettaq f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 153(2) tal-Ftehim, l-implimentazzjoni ta' kull fażi stabbilita fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 għandha tiġi evalwata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ. Din l-evalwazzjoni tista' twassal għal valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni ta' fażi permezz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat. Tali valutazzjoni pożittiva għandha tkun marbuta mal-għoti reċiproku ta' aċċess għas-suq kif stabbilit fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 ta' dan il-Ftehim.

- (6) F'konformità mad-Deċiżjoni Nru xxx tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ ta' [data], il-Kumitat ta' valutazzjoni pożittiva rigward l-implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-fażi 2 tal-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġiżlattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 475(5) tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, skont is-setgħat ikkonferiti lill mill-Artikolu 463 tal-Ftehim, jaqbel dwar il-ftuħ ulterjuri u reċiproku tas-suq marbut ma' din il-valutazzjoni pożittiva.
- (8) Kif stabbilit fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġiżlattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8, dan il-ftuħ tas-suq jikkonċerna l-akkwist pubbliku ta' provvisti minn awtoritajiet u korpi statali, reġjonali u lokali rregolati mil-liġi pubblika.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan qed jingħata aċċess reċiproku għas-suq għall-akkwist pubbliku ta' provvisti minn awtoritajiet u korpi statali, reġjonali u lokali rregolati mil-liġi pubblika fl-Unjoni Ewropea lill-Ukrajna u għall-akkwist pubbliku ta' provvisti minn awtoritajiet u korpi statali, reġjonali u lokali rregolati mil-liġi pubblika tal-Ukrajna lill-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġiżlattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għet stabbilita bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Françiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Ukrena, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Presidenza

Is-segretarji